# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 10/2020

20 ta' Ottubru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-4:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

10.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

10.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.2.1 Is-Sindku qal illi ref 9.2.6 (kamera ħdejn il-bring in sites) twaħħlet. Huwa qal illi l-Kunsill flimkien mal-LESA ser ikollna aċċess sabiex naraw il-footage. Is-Sindku spjega illi l-kamera kienet ċara ħafna u għalhekk issa ser ikollna sorveljanza aħjar.

10.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 9.2.7 (Triq San Gwann) din kellha terġa' tinqala' pero' minn dak inhar lil hawn ma kienx hemm aktar komunikazzjoni.

10.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 9.3.8 (Community Police) il-Kunsill kien kiteb sabiex nirreġistraw l-interess tagħna. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa xi risposta u, jekk il-Kunsill kienx ser jkun ikkonsultat. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill ovvjament kien ser jiġi konsultat.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa 4.06pm

10.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 9.3.9 (salib tad-dejma) kienu ġew tal-Superintendence of Cultural Heritage sabiex jagħmlu inspection. Is-Sindku qal illi minn naħa tal-Heritage kienu qablu li l-bażi kienet qegħda tintlaqat pero' li s-salib kien qiegħed jidher ftit mxengel ma kienx konsegwenzi ta xi laqtiet tal-karozzi tal-linja.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus rritorna għal laqgħa 4:08pm

Is-Sindku spjega lill-Kunsill illi l-karozzi tal-linja kellhom fejn jgħaddu sew bla ma jolqtu s-Salib. Is-Sindku qal li minn naħa ta' Transport Malta ma kinux jaqblu li jsiru *bollards* suwed imma kienu qed jissuġerixxu li jsiru *orange bollards* madwar is-salib għaliex dawn ma jkunux ta' periklu għat-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta pero' ma kienx hemm qbil illi jsiru l-orange *bollards* madwar is-Salib tad-Dejma.

10.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 9.4.12 it-Triq hija Triq San Gwann u mhux Triq San Ġorg.

10.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 9.5 it-tabelli tal-ismijiet tat-toroq ġodda kienu ġew ordnati, tlieta għal Triq it-Torri ta' Ġawhar u tnejn għal Triq San Anton.

10.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 9.4.16 għandha tkun wire tad-dawl mhux ħabel tad-dawl.

10.2.8 Il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet fhiex kien wasal it-tender tar-Restawr tal-Koppla u Lanterna. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kuntratt kien ingħata għall-orħos offerta, kien ġie ffirmat il-Kuntratt, ż-żewġ garanziji kienu tlestew u infetaħ il-kont bankarju fil-Bank Centrali ta' Malta hekk kif meħtieġ. Hija qalet illi l-Kunsill kien qiegħed fil-fażi li tintefa' l-applikazzjoni l-Planning Authority għal Commencement Notice u li jintefgħu l-flus fil-kont bankarju sabiex jitmexxa l-kont għal *pre-financing*.

**10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Is-Sindkiu qal illi xi laqgħat preċidenti kien semma' bix-xewqa illi l-FSWS jibdew jagħtu s-servizz ta' mentoring għal nies li huma għaddejjin minn xi diffikultajiet jew problemi. Is-Sindku qal illi l-FSWS ikkonfermaw illi darba fil-ġimgħa, nhar ta' Ħamis f'Ħal Safi jkun hawn dan is-servizz cioe' s-servizz ta' mentoring. Is-Sindku qal illi dan is-servizz ser jibda jingħata minn nies professjonali f'dan il-qasam u li ser isir fil-binja tal-Kunsill fl-uffiċċju tal-*Speech Therapist*. Is-Sindku ssuġerixxa li jingħata dan is-servizz sabiex ikun hawn aktar outreach għal nies b'ċertu problemi fil-lokal tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.2 Is-Sindku qal illi l-ġimgħa ta' qabel il-laqgħa kien attenda meeting mas-CEO ta' *Infrastructure Malta* sabiex jagħtih updates tat-toroq li għad iridu jsiru. Huwa qal illi issa Sqaq San Pawl Numru 1 ġie konfermat li ser issir l-parti pubblika. Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet ser isiru mill-kuntrattur tal-Kunsill u jitħallas minn Infrastructure Malta. Is-Sindku qal illi l-Perit tagħna kien qed jissuġerixxi li qabel jibda x-xogħol għandu jsir survey sabiex naraw kif jaqleb l-ilma tax-xita. Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jsir dan is-survey.

10.3.3 Is-Sindku qal Triq San Pawl kienet triq oħra li l-Kunsill kien għażel sabiex tiġi asfaltata mill-ġdid. Huwa staqsa lill-Kunsill jekk ikunx aħjar illi l-ewwel parti tal-istess triq (minn fejn il-Każin sa ħdejn is-salib tad-dejma) minflok asfalt ssir pavimentata. Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill jaqbel li din il-parti ta' Triq San Pawl ssir pavimentata, Infrastructure Malta joħorġu kemm jiswa daqs li kieku saret tarmak u l-Kunsill ikollu joħroġ id-differenza. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-Kunsill jeħtieġ li ma jgħaġġilx f'din id-deċiżjoni minħabba l-proġett tal-Pjazza. Hawn saret diskussjoni fuq it-tip ta' pavimentar li kieku għandu jsir. Il-Kunsill qabel illi wara li naraw x'ser tkun l-ispiża għal din id-differenza għandna naraw illi l-pavimentar li jintgħażel ikun wieħed b'saħħtu biżżejjed sabiex jgħaddi t-traffiku minn fuqu kif ukoll wieħed li jikkumplimenta mal-proġett tal-pjazza u l-madwar.

10.3.4 Is-Sindku qal illi l-isqaq jew aħjar mogħdija li hemm quddiem l-ATM fi Triq il-Ħajt Ruman qed joħloq problema illi meta tagħmel ix-xita, qed jinżel ħafna materjal fit-triq mill-istess sqaq. Is-Sindku qal illi il-Kunsill għandu jikkomunika mas-sid sabiex tingħata kisja konkos sabiex neliminaw din il-problema u jekk ma jaċċettax allura tingħalaq il-mogħdija sabiex neliminaw din il-problema. Il-Kunsill qabel.

10.3.5 Is-Sindku qal illi xtaq juri l-Kunsill kif kienu ser jiġu Triq Stiefnu Erardi u Triq il-Feniċi l-quddiem meta jinfetħu dawn it-toroq. Huwa għadda *site plan* lill-Kunsill għall-informazzjoni tagħhom.

10.3.6 Is-Sindku qal illi kellu komunikat mill-Foundation of Tourism Zones fejn talbuh jidentifika siti żgħar għal restawr. Huwa qal illi kien qed jissuġerixxi li jsiru n-niċeċ li

għandna fir-raħal u l-Ħajt Ruman li hemm fi Triq iż-Żurrieq. Huwa staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm xi suġġerimenti oħra. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizzjattiva u qabel illi għandna nissuġerixxu li nirrestawraw in-niċeċ u l-Ħajt Ruman fi Triq iż-Żurrieq.

10.3.8 Is-Sindku qal illi l-librara sabiex tħajjar lin-nies jisselfu aktar kotba xtaqet tagħmel inizzjattiva illi min jattendi l-librerija għal Halloween jingħata l-ħelu. Il-Kunsill qabel.

10.3.9 Is-Sindku qal illi kien irċieva suġġeriment illi ċ-ċentru tad-dimensja li qed jinbena jissemma' għal Dun Karm Lia. Is-Sindku qal illi min għamel is-suġġeriment qallu illi l-mużew fejn ser isir iċ-ċentru għad-dimensja inbena fi żmienu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi ma jsibx oġġezzjoni li l-Kunsill jissuġġerixxi li jissemma għal dan il-persunaġġ.

**10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Viċi Sindu s-Sur Francis Callus qal illi quddiem il-garaxx tiegħu saru xi xogħolijiet u r-*reinstatement* li sar ma kienx ta' *standard* għaliex qiegħed ħin kollu jinżel. Huwa qal illi min jagħmel dan ix-xogħol għandu jagħmlu sew. Il-Kunsill qabel illi għandna nibagħtu dan l-lment.

10.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-sleeping tables li hemm fi Triq il-Kuċċard it-tarf tagħhom għandhom jiġu mwittija. Hija qalet illi waħda mill-isleeping table kellha tiġi ogħla (dik fejn kien hemm il-qabar) u anki jekk tgħaddi bil-mod il-karozza xorta tħoss id-daqqa.

10.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi quddiem is-service road li tagħti għal Triq is-Summien hemm bżonn illi ssir Give Way.

10.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk fi Triq il-Kuċċard kinitx saret tabella 'No Left Turn' għal Triq Dun Karm Lia. Is-Sindku qal illi ma kienx ċert illi saret din it-tabella.

10.4.5 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Blood Donation Unit issa kien imisshom jattendu Ħal Safi nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar, 2021.

10.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi triq in-Nassaba l-parti li tagħlaq kien hemm problema tal-iskart u li l-qtates iqattgħu l-boroż tal-organic. Hija ssuġġeriet li tintbagħat ittra sabiex kulħadd inaddaf wara biebu.

10.4.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ssuġġerixxa illi ssir tabella u/jew sinjali mal-art sabiex jindikaw lit-traffiku li ġejja *concealed exit* u t-traffiku jnaqqas il-veloċita' fi Triq il-Kuċċard għaliex hemm persuna illi joħroġ iż-żiemel u l-karozzi mhux qed ituh iċ-ċans. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi bħalma qalet il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla waħda mill-isleeping tables hija ogħla u għandha tiġi rranġata.

10.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-karozzi qed jgħaddu b'veloċita qawwija fis-service road li hemm fi Triq il-Kuċċard. Huwa ssuġġerixxa li ssir sleeping police qabel l-*isnack bar* u oħra qabel Triq is-Summien pero' huwa qal li din tal-aħħar kapaċi ma jkunx hemm bżonnha minħabba t-talba tal-*give way* ta' Triq is-Summien. Is-Sindku qal illi dawn it-talbiet kien ser jgħaddihom lil Infrastructure Malta.

10.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk Triq il-Kenn il-parti d-dejqa li tagħmel parti mill-village core jekk kinitx ser issir bi stencil concrete. Is-Sindku qal illi s'issa ma kienx jidher illi ħa ssir pero' l-Kunsll għandu jżommha f'moħħu sabiex meta jkun il-waqt nagħmlu t-talba sabiex din ukoll issir bi Stencil Concrete.

10.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx qed isir xi sorveljanza fl-area tal-Convenience Store u Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal li diġa' kien kiteb lill-LESA għal iżjed minn darba dwar din il-problema. Is-Sindku qal ukoll illi bħalissa l-enforcement tal-LESA żdidilhom ħafna xogħol minnħabba l-problema tal-Covid-19.

10.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq il-Kuċċard kien hemm tul ta' tlett karozza li qiegħda żżomm l-ilma. Is-Sindku qal illi din il-problema kien diġa' nnutha hu u diġa' kien qal lill-Perit.

10.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi Triq Stiefnu Erardi l-kennies għalkemm kien qed imur jiknes ma kienx qed jagħmel iż-żewġ naħat tat-triq. Is-Segretarju qalet li kienet ser tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

10.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk Infrastructure Malta kinux ser jagħmlu l-linji fit-triq minn t'Amparell sa Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal illi hemmhekk qatt ma kien hemm linji. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nibgħatu t-talba lill-Koptasin.

10.4.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi persuna ilmentat illi żdied is-serq fil-lokal tagħna. Huwa qal illi qabel il-Kunsill kien ikollu laqgħat mas-Surġent tad-distrett. Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista' jagħmel talba sabiex issir din il-laqgħa.

10.4.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq San Gwann kien hemm *parking space* li kienet qed tiżgromba t-traffiku kif ukoll qed ikun ta' periklu għal min ikun qed isuq. Il-Kunsillier għadda r-ritratt tal-karozza pparkjata u l-Kunsill qabel illi għandna ninfurmaw lil Transport Malta sabiex nagħmlu t-talba ħalli jsiru l-yellow lines.

Il-Viċi Sindu s-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa 18.53.

10.4.17 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq is-Summien kantuniera ma Triq in-Nassaba qed ikun hemm parkeġġ fil-kantuniera li qed ikun perikoluż għas-sewwieqa.

10.4.18 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi fir-rapport li għamlilna l-espert għal Slow Streets mhux veru illi s-service road li hemm fi Triq il-Kuċċard tibqa ħierġa. Is-Sindku kkonferma l-istess.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus daħal għal laqgħa 19:00.

**10.5 Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-Direttorat għall-iskemi fi ħdan id-diviżjoni għall-Gvern Lokali kien għadhom kemm ħarġu Ċirkulari Numru 3 – Skema Aċċessibbilita' u Mobbilta'. Hija qalet illi minn naħa tal-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali, l-Kunsill kien irċieva illi nistgħu napplikaw taħt din l-iskema għall-proġett ta' Slow Streets. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizzjattiva'. Is-Sindku ssuġerixxa illi l-Kunsill japplika għal Slow Streets taħt l-iskema SPI/SCI 3/2020. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.6 Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-Direttorat għall-iskemi fi ħdan id-diviżjoni għall-Gvern Lokali kien għadhom kemm ħarġu Ċirkulari Numru 5 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi l-proġetti li hawn fil-lokalita' tagħna kollha saru qabel l-2017 għalhekk ma konniex f'pożizzjoni li napplikaw.

**10.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-Direttorat għall-iskemi fi ħdan id-diviżjoni għall-Gvern Lokali kienu ħarġu ukoll Cirkulari Numru 6 – Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizzjattiva u qabel illi għandna napplikaw sabiex nagħmlu post ta' rikreazzjoni żgħir fiz-zona Ta' Gawhar.

**10.8 Approvazzjoni Ġardinar Ġnien Sir Alexander Ball**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi għas-sejħa ta' Ġardinar għal Ġnien Sir Alexander Ball kienet intefgħet applikazzjoni waħda. Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mal-applikant. Huwa qal illi din il-persuna kien jidher kompetenti f'xogħlu u għaldaqstant kien qed jissuġerixxu illi napprovaw

li jinħatar bħala l-Ġardinar għal Ġnien Sir Alexander Ball. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.9 Skema ta' Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi r-Reġjun Nofsinhar bħal snin oħra kien ħareġ skema ta' Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizzjattiva' u qabel illi din is-sena għandna niffukaw l-aktar fuq it-tiżjin fil-pjazza, nixtru bambin sabiex inżejnu l-Kunsill u napplikaw ukoll għal kompetizzjoni ta' tiżjin fost ir-residenti. Il-Kunsill qabel unanimamanet.

**10.10 Sejħa għal Ħandyman**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kuntratt eżistenti li għandna tal-handyman spiċċa u aktar qed intuh xogħol li għandu x'jaqsam mal-landscaping. Hija qalet illi meta l-Kunsill kien ħareġ t-tender għal-Landscaping tas-Soft Areas - ħadd ma kien tefa' l-offerta għaliex il-budget tagħna kien żgħir. Hija qalet illi sabiex ikollna kuntrattur li jaqdina għan-neċessitajiet li nixtiequ kien jeħtieġ illi ngħollu l-budget li l-Kunsill tagħna ma kienx jiflaħ għalih għalhekk hija ssuġerixxiet illi noħorġu call għal Ġardinar/Ħandyman li jkollu xogħol speċifiku fuq bażi part-time, importanti li jkun jista' juża l-vann tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta din is-sejħa għal Ħandyman u qabel illi għandna noħorġu sejħa fuq bażi part-time.

**10.11 Approvazzjoni Disinn tad-Drip Irrigation**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tad-disinn kif qed jissuġġerixxi li jsir id-Drip Irrigation fi Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi mal-istima kienet daħħlet is-sistema tal-pompa fuq wara tal-Ġnien. Hija spjegat kif ser tiġi mqassma s-sistema tad-drip irrigation għall-istima ta' €19,324.61 VAT incl. Il-Kunsill iddiskuta d-disinn u approvawh unanimament.

**10.12 Korrispondenza**

**10.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar kienu qed jaħdmu fuq

Proġett li ser isir is-sena d-dieħla fejn ser isiru performances mużikali. Hija qalet illi f’dan l-istadju l-Kunsill kellu jidentifika sitt siti fejn jistgħu jsiru l-performances fil-lokal tagħna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nissugerixxu dawn is-siti:

Pjazza

Ġnien Dun Karm Vella

Misraħ San Mattew

Misraħ San Ġużepp

T’Amparell

Quddiem il-Kunsill

**10.12.2** **Is**-Segretarju Eżekuttiv qalet illi Rush Athletics kienu qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir tellieqa 5k nhar il-Ħadd 6 ta’ Diċembru, 2020. Il-Kunsill approva li ssir din it-tellieqa.

**10.12.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi fil-bidu ta’ Triq San Tumas daħlilna lment illi l-ewwel dar li hemm qed ikollha problema ta’ ħafna ilma fit-triq minn fejn tgħaddi meta tagħmel ħafna xita. Is-Sindku spjega illi kien ikkuntatja din il-persuna fejn ssuġġerrixiet illi ssir xi tip ta’ bankina sabiex tkun tista’ tgħaddi minn fuqha. Il-Kunsill iddiskuta t-talba tagħha u qablu li għandna nikkunsultaw ma Transport Malta jekk hux possibli li ssir l-istess bankina.

**10.12.4** **Is**-Segretarju Eżekuttiv qalet illi Zurrieq Wolves ukoll kienu qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isiru tlielaq nhar il-Ħadd 8 ta’ Novembru, 2020. Il-Kunsill approva li ssir din it-tellieqa.

**10.12.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi flimkien mas-Sindku kienet iltaqgħet mal-Kuntrattur li jagħmlilna c-CCTV cameras u preżentat il-kwotazzjonijiet għal CCTV ġdida fi Ġnien Sir Alexander Ball u tlett cameras oħra fil-bandli u l-grawnd tal-futbol. Il-Kunsill approva

dawn il-kwotazzjonijiet.

**10.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**10.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-8:06pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru, 2020 fl-5:00 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |